



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12497/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0248(NLE)

PECHE 325

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 422 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 422 final.

Mehmuż: COM(2022) 422 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2022
COM(2022) 422 final

2022/0248 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija
fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-Raġunijiet u l-obiettivi tal-proposta

Fil-21 ta' Diċembru 2012, ġie ffirmat il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius u fit-28 ta' Jannar 2014 daħal fis-seħħ għal perjodu ta' 6 snin. Huwa ġġedded b'mod taċitu u għalhekk għadu fis-seħħ. L-aħħar Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd kopra perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja, jiġifieri mid-data tal-iffirmar. Dan ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 2017 u skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

Ġiet miftiehma estensjoni ta' 6 xhur tal-Protokoll fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius, u fil-5 ta' April 2022, ġiet iffirmata.

Abbażi tad-direttivi tan-negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni wettqet negozjati ma' Mauritius dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius. Wara dawn in-negozjati, fis-7 ta' Mejju 2022 ġie inizjalat Protokoll ġdid.

Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 18, jiġifieri mid-data ta' meta jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

L-għan ta' din il-proposta huwa li l-opportunitajiet tas-sajd jitqassmu fost l-Istati Membri interessati tal-UE.

• Il-Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd riformata u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan se jgħin biex titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius. Il-Protokoll il-ġdid se jippermettilhom jaħdmu aktar mill-qrib fuq il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, f'konformità mal-obiettiv tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar rikonoxxuti fid-dritt tal-UE, bi qbil mal-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius, u mal-isforzi ta' Mauritius biex jiżviluppa ekonomija tal-oċeani sostenibbli, fl-interess taż-żewġ partijiet. Din il-kooperazzjoni se tippromwovi wkoll il-ħolqien ta' kondizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet ta' Mauritius. Dan huwa bbażat fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd li tiġġestixxi l-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, fejn japplika fil-limiti tal-eċċess disponibbli. Il-Kummissjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha, fost l-oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2017-2021) u ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk jenħtieġ li jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn it-tnejn saru minn esperti esterni.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

- 40 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża;

¹ Adottata mit-3813 laqgħa tal-Kunsill dwar il-Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) fit-28 ta' Settembru 2021. https://www.consilium.europa.eu/media/52134/st12320-en21_edited.pdf

- 45 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wieċ.

- **Il-Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid jifforma parti mill-azzjoni esterna tal-UE mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u jqis b'mod partikulari l-oġettivi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u Mauritius huma Partijiet tal-Ftehim *interim* iffirmit fid-29 ta' Awwissu 2009. Dan stabbilixxa qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. In-negozjati għal Protokoll ġdid huma konformi mal-FSE, li jipprevedi kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-kummerċ u l-iżvilupp tas-sajd li jkopri s-sajd fil-baħar, is-sajd fl-ilmijiet interni u l-akkwakultura.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Il-Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(3) tat-TFUE li jistabbilixxi li l-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

- **Is-Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-oġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-UE jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' daww id-dispożizzjonijiet, kif ukoll ma' daww dwar l-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **L-Evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Fl-2021, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll 2017-2021, għal Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' Mauritius kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll.

L-evalwazzjoni tal-Protokoll 2017–2021 ikkonkludiet li dan jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra ta' aċċess stabbiliti fir-reġjun, li jippermettu lill-bastimenti tal-UE jottimizzaw l-isfruttament tal-istokkijiet migratorji fi ħdan ir-regoli reġjonali stabbiliti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan. Dan kien rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-UE peress li pprova l-aċċess prevedibbli lis-sidien tal-bastimenti tal-UE għal żona tas-sajd produttiva fejn l-ispeċijiet fil-mira huma abbondanti. L-aċċess għall-ilmijiet ta' Mauritius jagħti l-opportunitajiet lill-flotta tas-sajd bil-konz tal-UE bbażata f'La Réunion iżidu ż-żoni tas-sajd għall-ilmijiet ġirien. L-attivitajiet tal-flotta tat-tonn tal-UE fl-ilmijiet ta' Mauritius u b'mod aktar ġenerali fl-Oċean Indjan iġġeneraw impatti soċjoekonomiċi pożittivi sostanzjali għal Mauritius, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ġiet taqbel b'mod ġenerali mal-

opportunitajiet tas-sajd sfruttati. Fir-rigward tal-appoġġ settorjali, fl-evalwazzjoni ġie nnutat li l-programm kien ġie implimentat b'dewmien u li programm futur ta' appoġġ settorjali jenħtieġ li jkollu l-għan, bħala kwistjoni ta' priorita', li jsahha il-kapaċita' ta' Mauritius li jikkonforma mal-obbligi internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari dawk relatati mal-osservazzjonijiet xjentifiċi, mal-kampjunar tal-qabdiet u mal-ispezzjonijiet fil-portijiet. Il-programm futur ta' appoġġ settorjali jista' jgħin ukoll fl-iżvilupp tas-settur tas-sajd nazzjonali permezz ta' appoġġ lis-sajjieda ż-żgħar u l-iżvilupp ta' taqsima semi industrijali. L-evalwazzjoni rrakkomandat li tiġi allokata parti mill-finanzjament disponibbli għar-reklutaġġ ta' assistent tekniku estern biex jikkoordina u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali.

Għall-UE, huwa importanti li jinżamm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li huwa sieħeb ekonomiku ewlieni, ma pajjiż li hu fornitur ta' prodotti tal-ħut għall-UE, ma' partijiet ikkonċernati fix-xena internazzjonali u ma' pajjiż li għandu postijiet għas-sajd li huma ta' interess għall-flotta tal-UE.

- **Il-Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tal-industrija u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lill-amministrazzjoni tas-sajd u lis-soċjetà ċivili ta' Mauritius. Saru wkoll konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv għas-Sajd f'Distanzi Twal. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li jkun ta' ġid għall-Unjoni Ewropea u għal Mauritius li jiġi konkluż Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd.

- **Il-Ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

- **Id-Drittijiet fundamentali**

Il-Protokoll innegożjat jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-elementi essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou, jew tal-artikolu korrispondenti tal-ftehim suċċessur.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĖIT

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-Pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mal-proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius, kif ukoll mal-proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika hekk kif l-attivitajiet tas-sajd isiru possibbli skont il-Protokoll, jiġifieri mid-data tal-iffirmar li se tiskatta l-applikazzjoni provviżorja.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Jannar 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE² dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").
- (2) L-ewwel Protokoll³ tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.
- (3) It-tieni Protokoll⁴ tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' 4 snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.
- (4) Il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius ġie awtorizzat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/614⁵, li testendi l-applikazzjoni tal-aħħar Protokoll sal-4 ta' Ottubru 2022.
- (5) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' Mauritius għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.
- (6) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, fis-7 ta' Mejju 2022 ġie inizjalat protokoll ġdid għal perjodu ta' 4 snin (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll").

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

³ Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/754 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 128, 24.5.2018, p. 1–3).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/614 tal-11 ta' Frar 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ST/5656/2022/INIT, (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 43–44).

- (7) Fil-..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/...[DG insert footnote] rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll, dment li tiġi konkluża f'data iktar tard⁶.
- (8) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokat f'ost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni.
- (9) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun, minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Mauritius u l-ħtieġa li jitnaqqas il-perjodu ta' żmien relatat mal-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
- (10) Il-Protokoll se japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar sabiex jippermetti l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.
- (11)

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius (2022-2026) għandhom jiġu allokat f'ost l-Istati Membri kif ġej:

- (1) 40 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża
 - Spanja: 22 bastiment
 - Franza: 16-il bastiment
 - L-Italja: 2 bastimenti
- (2) 45 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ
 - Spanja: 12-il bastiment
 - Franza: 29 bastiment
 - Il-Portugall: 4 bastimenti

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [...]

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... 2022 dwar ... (ĠU C [...] ta' [...], p. [...]).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President